**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 6 – IT-TLIETA, 9 TA’ DIĊEMBRU 2014 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairman |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairman |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti numru 5**

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet fil-minuti. Għandu jiżdied paragrafu 3.10 “Għandha tinħareġ tender ġdida għall-bankini” u għandu jizdied paragrafu 3.11 “Għandha tinħareġ ittra miċ-Chairperson rigward dewmin fit-tiswijiet tal-bozoz mill-Enemalta”.

1.2 Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Dr Frank Bartolo ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Kien hemm deċiżjoni li jittieħed group photo tal-membri tal-Kumitat. Dan ir-ritratt għandu jittieħed fil-laqgħa li jmiss.

2.2 Ġiet innutata r-risposta pożittiva minn TM rigward it-talba biex parti minn Triq Antonio Schembri issir One Way. Ġie deċiżż li jitwaħħlu t-tabelli.

2.3 Kien hemm diskussjoni rigward il-kwotazzjoni tal-locality signs. Ġie deċiż li tinġabar kwotazzjoni oħra minn Gesco's.

2.4 Il-Kumitat ġie infurmat li l-ittri li ser jitqassmu lir-residenti huma lesti. Dawn l-ittri għandhom jitqassmu fil-Kappara

2.5 Ġiet innutata li l-ikla tal-Milied tal-Kunsill ser issir fid-9 ta' Jannar 2015 fil-Lukanda Golden Sands.

**3 Affarjiet oħra**

3.1 Dr Bartolo ilmenta dwar siġar mill-parapetti ta' residenzi privati li għandhom siġar ħerġin għal fuq il-bankina li jistgħu jkunu ta' periklu għal min ikun għaddej. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lil dawn ir-residenzi.

3.2 Ġiet innutata r-risposta negattiva minn TM rigward talba għal timed parking fit-Toroq Antonio Schembri, ir-Russett u Wied Għollieqa.

3.3 Kien hemm diskussjoni rigward xi materjal inkluż saqqu fi plot fi Triq it-Tellerit. Għandha ssir site visit biex tiġi stabbilita x'azzjoni trid tittieħed.

3.4 Ġie deċiż li ssir Give Way (tabella u sinjal) fi Triq il-Kuċċard / Birkirkara kantuniera ma' Triq l-Barbaġann.

3.5 Is-Sur Alfred Mangion informa lill-Kunsill li hu kiteb ittra, f'ismu, rigward id-dewmin tal-Enemalta biex jiġu rranġati l-bozoz. Hu innota li wara li dehret l-ittra, dawn il-bozoz ġew irranġati.

3.6 Is-Sur Alfred Mangion ippropona li l-Kumitat jinnomina lis-Sur Salvatore Mousù għal Mertu San Ġwann. Kien hemm qbil unanimu għal dan.

3.7 Il-Kumitat ġie infurmat li l-ewwel laqgħa tal-Bord għal għażla ta' Skrivan/a iltaqa' fl-4 ta' Diċembru 2014. Għandhom isiru l-interviews ta' dawk shortlisted nhar it-Tnejn, 15 ta' Diċembru 2014.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 13 ta' Jannar 2015 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier** **Stefan Bonello Ghio**